

# Rispett Lejn ir-Reliġjonijiet u L-PERSONAĠĠI QADDISA KOLLHA Il-Mezzi Għall-Paċi Dinjija

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Messaġġiera għall-Poplu Kollu

L-univers sabiħ u mlewwen tagħna u dak kollu li fih huwa l-ħolqien ta' Alla – Għaqli u li Jaf kollox. Alla ħalaq kull ħaġa b'għan u biex jintlaħaq dal-għan Hu pprovda l-gwida kollha u l-mezzi meħtieġa. Alla ħalaq il-bniedem fix-xbieha Tiegħu stess u għamillu l-aħjar tal-ħolqien Tiegħu.

Il-Koran Imqaddes jistqarr li Alla bagħat juri triq is-sewwa tiegħu lil kull ġens, u jistqarr il-verità u l-ġustizzja ta' kull profeta. Il-profeti ntbagħtu lil ġnus partikulari fi żminijiet partikulari tal-istorja, biex iwasslu lill-bnedmin għal għand Alla. Il-Koran Imqaddes jgħid:

- *U għal kull poplu hemm messaġġier. (Il-Koran: 10:48)*

- *M'hemmx poplu (fid-dinja) li għalih ma bgħatniex il-Widdieb. (Il-Koran: 35:25)*

Fid-dawl ta' dawn il-versi mill-Koran Imqaddes, jidher ċar li l-Iżlam ma jimmonopolizzax il-verità għad-detriment ta' reliġjonijiet oħra bil-fundaturi u l-messaġġiera tagħhom, iżda kategorikament jiddikjara u jenfasizza li, matul l-istorja umana, f'kull żmien u parti tad-dinja, Alla kien qed jieħu ħsieb tal-ħtiġijiet reliġjużi u spiritwali tal-bniedem billi kien qed jibgħat Messaġġiera biex iwasslu l-Messaġġ Divin lill-poplu li għalih ittellgħu u ntbagħtu.

## Rispett lejn il-Messaġġiera kollha

B'dal-mod, importanti ferm li wieħed jagħtihom ir-rispett u l-unur li jixraqilhom, u li ħadd ma jiżżuffjetta jew jinkoraġġixxi d-diżrispett lejn il-messaġġiera ta' Alla, il-fundaturi u l-personaġġi nobbli ta' reliġjonijiet differenti, inkluż Krishna, Buddha, Mosè, Ġesù u Muħammad (il-paċi dejjem magħhom). Dan is-sens ta' rispett u unur reċiproku għall-messaġġiera u l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha dinjija jqiegħed is-sisien għall-fraternanza universali, l-armonija, it-tolleranza u l-paċi, li qed tispiċċa malajr mid-dinja.



# Rispett lejn ir-Reliġjonijiet u l-Messaġġiera kollha - Prinċipju mbierek tassew

**Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as], ippreżenta prinċipju bażiku u fundamentali ta' kif tista' tinkiseb il-paċi fid-dinja msejsa fuq it-tagħlim veru tal-Iżlam. Ħażrat Aħmad[as] saħaq li hu l-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi, li l-miġja tiegħu ġiet profetizzata fil-Koran u mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], u li l-iskop tiegħu kellu jkun dak li jagħti l-ħajja lit-tagħlim veru tal-Iżlam fi żmien meta l-Musulmani ma jibqgħux jagħtu kas iktar. Il-prinċipji u l-ideat li ppreżenta japplikaw preċiżament għas-sitwazzjoni preżenti.**

**Taħt nippreżentaw siltiet mill-kitbiet tiegħu.**

"Alla informani li mir-reliġjonijiet li nfirxu u li huma stabbiliti sew fid-dinja permezz tal-Profeti, billi għandhom influwenza fuq parti sew mid-dinja u rnexxielhom jibqgħu jeżistu u jakkwistaw ħajja twila, l-ebda wieħed mhu falz fl-oriġini tiegħu. L-ebda Profeta ma kien falz lanqas, għax hi l-prattika eterna ta' Alla li profeta falz li jigdeb kontra Alla – mhux mibgħut minn Alla u jipprova jiffalsifika l-affarijiet kontrih – qatt ma jipprospera."

"B'hekk, dan il-prinċipju hu verità aħħarija u benedizzjoni bla tmiem, u bis-saħħa tiegħu tqiegħdu l-pedamenti tal-konċiljazzjoni. Dan għax bih naffermaw il-veritudni ta' dawk il-profeti li r-reliġjon tagħhom hi stabbilita sew, irnexxielha tibqa' teżisti minkejja l-mogħdija taż-żmien u għandha miljuni ta' segwaċi fi ħdanha. Dan hu prinċipju mbierek tassew. Li kieku d-dinja kellha timxi fuq dan il-prinċipju fundamentali, jiġu eliminati għalkollox l-eluf ta' dagħwiet li jintqalu u d-diżordnijiet kollha."



# Prinċipju Bażiku tal-Konċiljazzjoni u l-Paċi

❝Għalhekk, dan il-prinċipju jistabbilixxi s-sisien tal-imħabba, il-paċi u l-armonija, u jsostni l-valuri morali billi jqis 'il-profeti kollha li dehru fid-dinja bħala awtentiċi – kemm jekk dehru l-Indja, il-Persja, iċ-Ċina jew f'xi pajjiż ieħor. Alla daħħal ir-rispett u l-kobor tagħhom fil-qlub tal-miljuni u ssoda l-għeruq tar-reliġjonijiet tagħhom, li baqgħu stabbiliti tul is-sekli. Dan hu l-prinċipju li jgħallimna l-Koran. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju, nonoraw il-fundaturi kollha tar-reliġjonijiet li jaqgħu taħt din il-kategorija, kemm jekk huma l-fundaturi tar-reliġjon tal-Indu, ir-reliġjon tal-Persjani, ir-reliġjon taċ-Ċiniżi, ir-reliġjon tal-Lhud jew ir-reliġjon tal-Insara.❞

❝B'dal-mod, nies li jissottoskrivu għal dan it-tip ta' twemmin – li jimmalafama l-profeti ta' nazzjonijiet oħra billi jqishom bħala foloz – huma dejjem għedewwa tal-paċi u l-armonija, għax m'hemmx gwaj ikbar mill-insulti diretti lejn in-nies nobbli ta' nazzjonijiet oħra... Jekk ikollna xi oġġezzjoni dwar it-tagħlim ta' xi reliġjon, m'għandniex nattakkaw l-unur tal-profeta ta' dik ir-reliġjon, jew insemmuh b'mod mhux xieraq. Minflok, għandna noġġezzjonaw biss għall-prattiċi attwali ta' dak in-nazzjon..❞

❝Fil-qosor, il-ġid tal-umanità, il-paċi, l-armonija, it-tjubija, u l-biża' ta' Alla jitolbu aderenza mal-prinċipju li m'għandniex niddikjaraw dawn il-profeti bħala foloz meta fuq il-verità tagħhom issejset il-fehma ta' miljuni ta' persuni għal għexieren ta' sekli, u dawn kienu sostnuti minn Alla għal ħafna snin.❞

*(Tohfa-e-Qaisarya, Ruhani Khażain, Vol. 12, P. 256 - 261)*



# Paċi

## L-Insulti lejn il-Profeti jirrovinaw l-ispiritwalità

“Għeżież! L-esperjenza li jġib miegħu ż-żmien flimkien mat-tiġrib ripetut stabbilew, bla dubju, li l-insulti u l-abbużi fil-konfront tal-Profeti u l-Messaġġiera ta’ pajjiżi u popli differenti mhumiex għajr velenu mill-iktar qerriedi li ma joqtolx biss ’il-ġisem iżda wkoll ir-ruħ biex b’hekk jirvina kemm il-prospetti dinjija kif ukoll dawk spiritwali.

Pajjiż li l-abitanti tiegħu jfittxu dejjem li jsibu d-difetti fil-mexxejja tal-oħrajn, u kontinwament joqtlu l-karattru tagħhom, ma jistgħu qatt isibu l-mistrieħ. Persuni li individwalment jew kollettivament jirreferu għall-Profeti, il-qaddisin jew id-divinitajiet b’malizzja jew bl-insulti ma jistgħu qatt jiksbu l-unità vera. Min ma jinkorlax bl-insulti diretti lejn il-Profeta jew il-mexxej tiegħu?”

*(Paigham-e-Sulh, Ruhani Khażain Vol. 23, P. 452)*

## Il-Musulmani jemmnu fil-Profeti kollha

“Aħna *[il-Musulmani - Pubblikatur]*, ma nużaw qatt lingwaġġ offensiv fir-rigward ta’ Profeti ta’ popli oħra. Fil-fatt, nemmnu li għall-Profeti kollha li ġew għall-popli differenti tad-dinja u kienu aċċettati minn miljuni ta’ persuni madwar id-dinja, u l-imħabba għalihom u n-nobbiltà tagħhom hija stabbilita b’mod sod fi kwalunkwe parti tad-dinja, u iktar minn hekk li dan l-istat ta’ devozzjoni u mħabba għalihom għadda mill-prova taż-żmien, din hi evidenza biżżejjed tal-awtentiċità u l-verità tagħhom. Li kieku ma kinux mibgħuta minn Alla ma kinux jiġu aċċettati fuq skala daqshekk kbira minn miljuni fuq miljuni ta’ qlub. Alla ma jippermettix unur bħal dan fuq dawk li mhumiex fil-grazzja tiegħu. Jekk xi impostur jipprova jokkupa l-pożizzjoni tagħhom, malajr jinġieb f’postu.”

*(Paigham-e-Sulh, Ruhani Khażain Vol. 23, P. 452-453)*



# Lealtà Ħelsien Rispett Ugwaljanza Paċi


Respecting religious sentiments

Is hate speech a right?

Debate & Analysis

Bridges, not walls

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

## AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

*"Respect for all Religions and Holy Personages - the Means to World Peace" in Maltese Language*

*By Laiq Ahmed Atif & K. Coleiro*
*First Published in Malta (2013)*
*By Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

**Mob:** +356 7932 0139 • **Tel:** +356 2734 2401
**Tel:** +356 2132 2105 • **Fax:** +356 2732 2105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**